

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro

[COM(2019) 652 final]

(2020/C 120/02)

Relatur: **Petr ZAHRADNÍK**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 6.2.2020
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	4.2.2020
Adottata fil-plenarja	19.2.2020
Sessjoni plenarja Nru	550
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	129/10/17

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jinnota bi tħassib it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku taż-żona tal-euro u li r-rata tal-qgħad m'għadhiex tonqos, flimkien mal-inċidenza għolja persistenti ta' fatturi ta' riskju li jaffettwaw il-prestazzjoni ekonomika.

1.2. Madankollu, il-KESE jqis li l-Patt Ekoloġiku Ewropew se jkun is-sintra għall-UE u l-konfigurazzjoni ekonomika taż-żona tal-euro fil-futur – il-bidu potenzjali ta' bidla fundamentali u punt ta' żvolta. Se jkun jiddependi ħafna minn kif nindirizzaw din il-bidla. Jekk tiġi mmaniġġjata tajjeb, din tista' tagħti spinta lill-Ewropa kemm ekonomikament kif ukoll soċjalment; jekk le, il-falliment tagħha jista' jipperikola serjament l-integrità tal-UE.

1.3. Indikaturi importanti tal-iżvilupp ekonomiku – kemm mill-perspettiva tradizzjonali kif ukoll minn dik tal-elementi ġodda fil-Patt Ekoloġiku Ewropew – huma d-disparità u d-differenzi ġeografiċi li għad baqa' fl-UE, li jippersistu minkejja xi konverġenza relattivament ta' suċċess matul l-aħħar ftit snin.

1.4. Il-KESE jappoġġja l-fehma li l-Patt Ekoloġiku Ewropew jista' jipprovdi pjattaforma għall-promozzjoni ta' valur miżjud komuni Ewropew, li huwa meħtieġ biex jgħin u jżid ir-ritmu tal-konverġenza.

1.5. Il-KESE jinnota li, minkejja fatturi ta' riskju persistenti, b'mod partikolari f'xi Stati Membri, ġie osservat ċertu titjib fl-istat, l-istabbiltà u l-funzjonament tas-settur finanzjarju fiż-żona tal-euro.

1.6. Il-KESE jemmen li r-riformi strutturali u l-investimenti meħtieġa mill-Patt Ekoloġiku Ewropew jistgħu jikkontribwixxu ħafna biex isaħħu l-prosperità ekonomika taż-żona tal-euro, inkluż f'dawk l-Istati Membri li l-potenzjal ta' tkabbir tagħhom bħalissa jinsab taħt il-medja. Dan jista' jgħin il-konverġenza fi ħdan iż-żona tal-euro u fl-UE b'mod ġenerali.

1.7. Il-KESE jinnota, bħala kwistjoni urġenti, li biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew se tkun meħtieġa injezzjoni b'saħħitha ta' fondi, li għadha ma ġietx żgurata kollha kemm hi. B' mod partikolari, ninsabu mħassba dwar in-nuqqas ta' finanzjament propost għall-Fond u l-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta. Biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku se jkollhom jintużaw ir-riżorsi pubbliċi u privati nazzjonali u jrid jiġi provdut il-mekkaniżmu biex jiġu allokati.

1.8. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa kontinwa għal politika fiskali aggressiva b'kawtela fil-perjodu li ġej, speċjalment fid-dawl tat-tnaqqis mistenni fir-ritmu ekonomiku, filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata interazzjoni bbilanċjata bejn il-politika ekonomika u l-pilastri li fuqhom hija bbażata l-UEM. L-adozzjoni tar-regola ta' baġit bilanċjat (regola tad-deheb) għall-investiment pubbliku tkun ta' għajjnuna biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

1.9. Il-KESE jirrakkomanda li tingħata aktar attenzjoni biex is-sistema tat-taxxa tiġi mfasla apposta għall-ħtiġijiet futuri, kemm biex tħeġġeġ imġiba aktar favur l-ambjent mill-konsumaturi u l-produtturi, biex tiżgura tassazzjoni ġusta li tevita li taggrava d-diskrepanzi fil-livell tal-introjtu u l-ġid, kif ukoll bl-użu ta' rekwiżiti legali għall-prevenzjoni tal-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa.

1.10. Il-KESE jinnota l-bżonn li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn ambjent li jiffaċilita l-innovazzjoni finanzjarja u l-istabbiliment ta' regoli għas-superviżjoni u r-regolazzjoni tas-suq finanzjarju, fi żmien meta tipi ġodda ta' pjattaformi finanzjarji qegħdin dejjem jiżdidu. Il-Kumitat jenfasizza l-importanza kbira li tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja tas-suq. Fil-fatt, il-Kumitat ripetutament għibed l-attenzjoni dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-elementi ewlenin li għad jonqos li huma essenzjali għall-ikkompletar tal-unjoni finanzjarja.

2. Kuntest

2.1. Il-prestazzjoni tal-ekonomija taż-żona tal-euro qed tnaqqas ir-ritmu tagħha, il-qgħad m'għadux jonqos u, minkejja tkabbir moderat, l-inflazzjoni għadha baxxa u taħt il-mira tal-inflazzjoni.

2.2. Il-prospettiva għall-2020 hija assoċjata ma' inċidenza oġhla ta' fatturi ta' riskju u l-inċertezzi li jirriżultaw. Dawn ir-riskji jistgħu jwasslu għal perjodu itwal ta' tkabbir dgħajfef, inflazzjoni baxxa u tkabbir baxx fil-pagi, u għal żieda dejjem akbar fl-inugwaljanza fl-introjtu matul is-snin li ġejjin, sakemm ma jkunx hemm irkupru qawwi fl-investiment, speċjalment f'setturi ta' produttività għolja li fihom iż-żona tal-euro u l-UE jkunu jistgħu jikkompetu globalment.

2.3. Minkejja suq tax-xogħol favorevoli, kien hemm biss żieda bil-mod, moderata fil-pagi reali flivell ta' inqas minn 1 % fl-2018 u l-2019 – u anke din tibqa' mifruxa b'mod inugwali ħafna, bi żbilanċ fid-distribuzzjoni tal-ġid. F'ħafna każijiet, fil-fatt, l-inugwaljanzi fil-pagi żdiedu, b'pagi reali f'xi pajjiżi li għadhom aktar baxxi milli kienu għaxar snin ilu. Dan qed iżid l-għadd ta' ħaddiema foqra – dawk li jsibuha diffiċli, minkejja li jkunu jaħdmu, biex jaqbu s-soll tal-faqar jew dawk li huma friskju ta' esklużjoni soċjali. Iż-żieda fil-pagi reali u t-tnaqqis tal-faqar huma importanti biex jgħollu l-istandards tal-għajxien u jżidu l-konsum privat, bil-benefiċċji li jgħibu għall-produzzjoni u t-tkabbir.

2.4. Is-surplus kbir fil-kont kurrenti naqas u d-distakk bejn id-defiċit u s-surplus tal-Istati Membri naqas bi fteit, primarjament minħabba domanda esterna li qed tiddgħajfef. Madankollu, xi Stati Membri għad għandhom surplus eċċessivi. Il-miżuri – permezz ta' investimenti u pagi – li jwasslu għat-tnaqqis tagħhom jgħinu biex ireġġgħu lura t-tkabbir dgħajfef taż-żona tal-euro.

2.5. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jirrappreżenta element fundamentalment ġdid; jinħass bħala opportunità fit-tul li jista' jkollu impatt fuq it-tkabbir ekonomiku sostenibbli diġà fuq perjodu qasir. Madankollu, fuq medda qasira u medja ta' żmien, dan se jinvolvi spejjeż finanzjarji kbar. Se jkunu importanti ħafna wkoll l-istrumenti l-ġodda proposti: il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

2.6. L-asimmetriji fl-iżvilupp ekonomiku taż-żona tal-euro jibqgħu sfida, ikkawżati kemm mill-effetti profondi tal-kriżi ekonomika preċedenti kif ukoll mid-diversità ta' problemi strutturali fl-ekonomiji ta' Stati Membri individwali, li ma jippermettux li jintlaħaq il-potenzjal ekonomiku sħiħ f'kull Stat Membru. Dawn l-asimmetriji jwasslu wkoll għal konsegwenzi soċjali serji, b'mod partikolari faqar u esklużjoni soċjali persistenti. Għalkemm, meta mqabbel mal-2012, bħalissa hemm madwar ħames miljun persuna inqas affettwati minn dawn il-kwistjonijiet, il-KESE xorta waħda jħoss leġittimu li jsaqsi jekk, fid-dawl tat-tnaqqis mistenni fir-ritmu ekonomiku, hemmx riskju li din is-sitwazzjoni terġa' sseħħ, u jekk issa l-UE u l-Istati Membri humiex ippreparati aħjar biex jiffaċċjaw din it-theddida.

2.7. Is-sitwazzjoni, l-istabbiltà u l-funzjonament tas-settur finanzjarju fiż-żona tal-euro tjebu konsiderevolment mill-kriżi l-hawn, iżda għad hemm ir-riskji u għad hemm oqsma li ma jgawdux minn kundizzjoni b'saħħitha, b'mod partikolari fil-każ ta' ċerti sistemi finanzjarji nazzjonali.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jinnota li għalkemm iż-żona tal-euro għadha f'perjodu ta' tkabbir ekonomiku, dan qed jibda jiddgħajef. F'dan l-istadju, huwa importanti li jiġi rikonossut li l-UEM hija bbażata fuq pilastru monetarju u finanzjarju, pilastru ekonomiku, pilastru soċjali u pilastru politiku. F'konformità mal-Opinjoniġiet preċedenti tiegħu ⁽¹⁾, il-KESE jirrakkomanda li jiġi żgurat li dawn il-pilastru jkunu b'bilanċjati b'mod ugwali; jekk dan il-bilanċ jiġi ttraskurat jew imfixkel jistgħu jinħolqu disparitajiet perikolużi.

3.2. Madankollu, il-KESE jħoss li l-Patt Ekoloġiku Ewropew jista' jitqies bħala parametru fundamentali biex jiġu implimentati r-riformi strutturali meħtieġa u biex jitnieda l-investiment li dawn jirrikjedu. Simbjożi bejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-riformi strutturali tista' ssaħħa b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet għal tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul u telimina l-esternalitajiet soċjali u ambjentali negattivi flimkien ma' ċerti fallimenti oħrajn tas-suq – sakemm li jiġu rispettati l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

3.3. Il-KESE jemmen li dawn ir-riformi huma ta' importanza partikolari għal daww l-Istati Membri li l-potenzjal ta' tkabbir tagħhom huwa ferm inqas mill-medja taż-żona tal-euro. Investimenti b'saħħithom immirati lejn setturi produttivi se jippermettulhom jeliminaw dan id-distakk fl-għaxar snin li ġejjin.

3.4. Il-KESE jenfasizza bil-qawwa l-importanza li wieħed jiftakar li mingħajr investimenti adatti u sostenibbli iż-żona tal-euro tirriskja li tidħol f'perjodu itwal ta' potenzjal ta' tkabbir u produttività baxxi, pagi baxxi, inugwaljanzi dejjem jikbru u inflazzjoni imprevdibbli.

3.5. Il-KESE jinnota li fil-perjodu li ġej, iż-żona tal-euro se jkollha bżonn turi livell ogħla ta' responsabbiltà u sensittività fir-rigward tal-impatt tal-ekonomija fuq it-tibdil fil-klima. L-ambitu u l-intensità tat-tibdil fil-klima bħalissa jikkostitwixxu wieħed mill-aktar riskji sistemiċi globali sinifikanti, li huma magħrufa u rikonossuti sew.

3.6. Il-KESE jemmen li l-2020 x'aktarx ser tkun punt ta' żvolta, b'bidla fil-paradigma ekonomika li twassal għall-integrazzjoni tal-kriterji ambjentali li ser ikunu parti mit-teħid ta' deċizzjonijiet tas-suq. Dan se jkollu konsegwenzi kbar ferm lil hinn mill-2020. Dan il-punt ta' żvolta jitqies wieħed kruċjali mhux biss f'termini ta' kif topera s-sistema ekonomika, iżda wkoll f'termini ta' liema politika ekonomika mistennija tagħti riżultati. Il-KESE jwissi li jekk din il-fażi kruċjali tiġi ġestita ħażin, l-impatt fuq il-proġett kollu tal-UE jista' jkun ta' ħsara kbira. Għalhekk il-kunsens dwar dan huwa kruċjali u għandu jintlaħaq bejn firxa wiesgħa ta' partijiet: bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, pereżempju, u bejn l-Istati Membri nfushom. Dan ifisser li jridu jiġu rikonossuti d-differenzi reġjonali qawwija u d-differenzi bejn l-interessi ta' diversi sezzjonijiet tas-soċjetà ċivili, eċċ.

3.7. Għaldaqstant, il-KESE jqis il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrumenti ewlenin li jimplementawh – fuq kolloxx il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta – bħala opportunità biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-bżonnijiet li nqalgħu; l-implimentazzjoni tiegħu ser tkun test importanti dwar jekk humiex koerenti l-interessi tal-membri taż-żona tal-euro u tal-UE iġenerali. F'dak ir-rigward, l-Istati Membri mhux biss għandhom jiddefendu l-ħtiġijiet tagħhom stess, iżda għandhom jirrispettaw ukoll il-bżonnijiet tal-Membri l-oħra u jfittxu pożizzjoni komuni li tkun ta' benefiċċju għal kulħadd. Dan għandu jinvolvi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-impatt fuq segmenti individwali tas-soċjetà, inkluż billi tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-politika dwar il-klima bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom.

3.8. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, minħabba l-isfida enormi li jippreżenta l-Patt Ekoloġiku Ewropew, huwa ċert li r-riżorsi komuni disponibbli fil-baġit tal-UE mhu se jkunu adatti xejn. Għalhekk bilfors irid jiġi kkunsidrat qafas ġdid għall-finanzjament ta' ħtiġijiet strateġiċi komuni tal-UE u li jkun jinvolvi wkoll fondi pubbliċi u privati nazzjonali f'dan il-proċess. Il-KESE jżid li l-opportunitajiet għall-allokkazzjoni ta' dawn ir-riżorsi ma jinsabux biss f'"setturi ekoloġiċi" iżda wkoll f'oqsma li jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, bħat-trasformazzjoni diġitali, l-iżvilupp ta' industrij li jużaw netwerk, u l-infrastruttura tat-trasport intelliġenti u sostenibbli.

⁽¹⁾ ĠU C 47, 11.2.2020, p.106; ĠU C 353, 18.10.2019, p. 32.

3.9. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li l-istrategġji ta' investment, kemm taż-żona tal-euro kif ukoll dawk tal-UE għall-għaxar snin li ġejjin, jiġu kkoordinati b'attenzjoni u li jiġu rispettati l-interessi tal-partijiet interessati rilevanti kollha. Mill-2021 il quddiem, żewġ għodod ġodda – l-Istrument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività u l-Programm InvestEU⁽²⁾ – se jaqdu sew dan l-għan, sakemm ikunu akkumpanjati b'mod effettiv minn mezzi tradizzjonali għall-ġestjoni tar-riżorsi baġitarji tal-UE, bħall-politika ta' koeżjoni.

3.10. Il-kriżi ekonomika tal-2008 pparalizzat il-proċess ta' konverġenza ekonomika bejn il-pajjiżi taż-żona tal-euro. L-irkupru ma seħħx b'mod uniformi: hemm sinjali ta' rkupru fl-Ewropa ċentrali u tal-Lvant, iżda mhux fil-pajjiżi tan-Nofsinhar. Fl-istess ħin, l-aktar pajjiżi li rnexxew mill-Ewropa Ċentrali, tal-Lvant u tax-Xlokk qabżu jew qed ilaħħqu ma' xi wħud mill-aktar ekonomiji tradizzjonali tal-UE, u dan il-proċess x'aktarx li jissokta fl-għaxar snin li ġejjin. Madankollu, il-konverġenza jeħtieġ li tiġi intensifikata, peress li għad hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-KESE jappoġġja t-tkabbir sostenibbli u inklużiv tal-UE kollha kemm hi, u b'hekk jitnaqqsu l-iżbilanċi soċjali u ekonomiċi fl-Istati Membri u bejniethom.

3.11. Il-KESE jenfasizza bil-qawwa l-fatt li d-diversi komponenti tal-politika ekonomika jeħtieġ li jiġu bbilanċjati. B' mod partikolari, huwa essenzjali li l-istrumenti ta' politika fiskali jintużaw ukoll, kif ilu jitlob il-BĊE f'dawn l-aħħar snin. Il-BĊE x'aktarx li se jkompli japplika politika monetarja akkomodattiva u orjentata lejn it-tkabbir li għandha l-għan mhux biss li tqarreb l-inflazzjoni lejn il-mira tal-inflazzjoni, iżda wkoll li żżomm kundizzjonijiet favorevoli ta' tkabbir filwaqt li tiżgura l-istabbiltà finanzjarja. Il-KESE jissuġġerixxi wkoll li jiġi kkonsolidat ir-rwol tal-BĊE bħala sellief tal-aħħar istanza.

3.12. Id-dixxiplina fiskali mtejbja matul il-perjodu preċedenti tippermetti li tiġi applikata politika fiskali aggressiva bi prudenza fil-futur qrib, filwaqt li jitqiesu wkoll l-effetti tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku reali fis-snin li ġejjin. Issa hemm lok konsiderevoli mhux biss għall-investment, iżda wkoll biex tkompli tissaħħaħ b'mod viżibbli l-implimentazzjoni tal-politika strutturali, bil-ħsieb li jżidied il-potenzjal ekonomiku u jiġu eliminati l-iżbilanċi persistenti u l-effetti tal-falliment tas-suq, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni soċjali. Dan ifisser, pereżempju, li jingħata appoġġ għal funzjonament ta' istituzzjonijiet effettivi, sistema ġudizzjarja indipendenti li taħdem, amministrazzjoni pubblika tajba, pedamenti sodi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, sistemi ta' tassazzjoni effettivi, sistemi ta' edukattivi tajba, għodod konformi mas-suq biex jippromovu n-negozju, standards għoljin għall-benefiċċju tal-qgħad, u t-tiħiħ tal-mekkaniżmi għad-djalogo soċjali, inkluż in-negozjar kollettiv.

3.13. Il-KESE jinsab konvint li hemm lok għal aktar riflessjoni dwar ir-rilevanza u s-sostenibbiltà tal-parametri eżistenti tas-sistema tat-taxxa. Iż-żona tal-euro hija kkaratterizzata minn piż tat-taxxa relattivament għoli, li huwa wkoll inklinat lejn it-tassazzjoni fuq ix-xogħol. Fl-istess ħin, it-taxxi ambjentali u tal-proprjetà ġeneralment jikkostitwixxu ftit wisq mit-taxxa globali. Il-KESE għalhekk jinnota l-ħtieġa li jiddaħħlu forom ta' tassazzjoni li jtaffu l-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol filwaqt li jżiduh, pereżempju, fuq l-ispekulazzjoni. Huwa jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' arranġamenti ta' tassazzjoni ġusta, b'mod partikolari fir-rigward ta' forom ġodda tal-ekonomija diġitali, fejn il-kapital huwa kkonċentrat aktar fuq l-estrazzjoni ta' valur milli fuq il-produzzjoni ta' oġġetti u l-provvista ta' servizzi. Fil-ġejjieni, it-taxxi ambjentali jistgħu jkunu strument importanti biex jixprunaw imġiba aktar ekoloġika min-naħa tal-konsumatur u tal-produttur, mingħajr ma jintlaqtu b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet għat-tkabbir ekonomiku. Fl-istess ħin, il-KESE jinnota li kwalunkwe tibdil fis-sistemi tat-taxxa jrid jevita li jkompli jaggrava d-distribuzzjoni ferm inklinata tad-dħul u l-ġid. Il-KESE jitlob li jitkomplew u jissaħħu l-isforzi fil-ġlieda kontra l-frodi, l-evazzjoni u l-evitar tat-taxxa (ippjanar aggressiv tat-taxxa), biex is-sistema tat-taxxa tkun aktar effiċjenti. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li għandu jkun hemm koordinazzjoni u kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri fit-tfassil ta' politika tat-tassazzjoni li tgħin biex jinħolqu kundizzjonijiet ġusti fis-Suq Uniku. Il-KESE jappoġġja wkoll lill-Kummissjoni Ewropea fl-isforzi u d-deliberazzjonijiet tagħha biex jintlaħaq kunsens dwar il-BKKTK u biex tingħata ħarsa ġenerali dwar l-allokazzjoni tal-profitti bejn l-Istati Membri. Kif iddikjarat fl-Opinjoni⁽³⁾ preċedenti u ddikjarat mill-ġdid fil-pubblikazzjoni tal-KESE "Taxation – The views of organised civil society" (Tassazzjoni – Il-fehmiet tas-soċjetà ċivili organizzata), il-KESE jiddikjara li l-politika tat-tassazzjoni b'mod ġenerali u l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa b'mod partikolari għandhom jibqgħu prijorità għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss. F'din il-linja, il-KESE jappoġġja dibattitu dwar il-bidla gradwali lejn il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u l-proċedura leġislattiva ordinarja fi kwistjonijiet ta' taxxa, filwaqt li jirrikonoxxi li l-Istati Membri kollha għandhom f'kull ħin ikollhom biżżejjed possibbiltajiet biex jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet.

(2) Dawn il-kwistjonijiet kienu reċentament il-fokus tal-Opinjoni tal-KESE ĠU C 47, 11.2.2020, p. 106, ĠU C 62, 15.2.2019, p. 131, ĠU C 282, 20.8.2019, p. 20.

(3) ĠU C 353, 18.10.2019, p. 90.

3.14. Il-KESE kemm-il darba nnota li l-ħtieġa li jiġi kkultivat u mtejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku, kif ukoll li ambjent ta' kwalità tan-negozju jibqa' fundamentali biex jinħolqu u jiġu żgurati kundizzjonijiet għal kompetizzjoni ġusta. Din il-problema tista' tiġi indirizzata permezz ta' attivitajiet u miżuri fil-proċess tas-Semestru Ewropew.

3.15. Il-KESE huwa konxju ħafna li l-isfidi strutturali enormi tal-ekonomija Ewropea għandhom impatti u konsegwenzi soċjali inevitabbli. Il-garanzija u t-trawwim tal-kundizzjonijiet għall-iżvilupp ta' ħliet professjonali ġodda, kif ukoll l-istabbiliment ta' mezzijiet għaċ-ċaqliq bejn il-professionijiet u anke l-iżgurar ta' protezzjoni soċjali effettiva u adegwata huma essenzjali biex jingħelbu dawn l-isfidi. Il-KESE jemmen li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa pjattaforma xierqa għal dan il-għan u jaqbel li d-dispożizzjonijiet tiegħu jiġu inkorporati fil-liġi tal-UE.

3.16. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni dwar id-diskrepanza bejn ir-ritmu tal-innovazzjoni fis-settur finanzjarju u l-kapaċità tas-sistemi regolatorji biex jadattaw fil-forma ta' regoli u protezzjoni. Is-settur tas-servizzi tal-kreditu tradizzjonali jidher li huwa mħares sew mir-regoli dejjem aktar stretti, minkejja li dawn jirrikjedu spejjeż ta' konformità għolja, filwaqt li l-ambjent tan-negozju spiss ikollu bżonn għodod aktar flessibbli u aċċessibbli. F'dan is-sens, l-Unjoni Bankarja u ż-żona tal-euro huma ekosistema importanti, iżda madankollu nistennew li jkun hemm sistemi regolatorji u regoli aktar effettivi biex jagħtu spinta lill-investment madwar is-Suq Uniku kollu u biex jeliminaw l-ostakli sabiex is-swieq finanzjarji u l-operazzjonijiet tagħhom ma jibqgħux limitati ħafna mill-fruntieri nazzjonali.

3.17. Il-KESE jirrimarka li, fi tmiem it-tieni deċennju tas-seklu 21, il-proċess tal-istabbiliment ta' unjoni finanzjarja (jiġifieri l-integrazzjoni tal-Unjoni Bankarja mal-Unjoni tas-Swieq Kapitali) u Unjoni Ekonomika u Monetarja għadu mhux komplut. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar b'mod partikolari fil-qasam tal-unjoni ekonomika, fejn l-istrument tas-Semestru Ewropew u t-titjib kontinwu ta' dan l-istrument urew bla dubju s-siwi tiegħu. Fl-istess ħin, huwa jinnota bi tħassib li, fil-każ tal-unjoni monetarja (kemm mill-perspettiva ta' dawk l-Istati Membri li għadhom barra miż-żona tal-euro, kif ukoll fir-rigward tal-progress dwar ir-rappreżentanza esterna u l-amministrazzjoni taż-żona tal-euro), u fil-każ tal-unjoni finanzjarja, ma sar l-ebda progress tanġibbli f'dawn l-aħħar xhur. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li r-reżiljenza u r-robustezza tas-settur finanzjarju taż-żona tal-euro żdiedu, u jappoġġja miżuri li jimmitigaw id-dgħufijiet li fadal. Huwa jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS) u jilqa' bi pjaċir il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-tisħiħ tal-qafas superviżorju u regolatorju Ewropew, inklużi miżuri dwar il-ħasil tal-flus.

3.18. Bil-ħsieb li jissaħħaħ ukoll il-pilastru politiku tal-UEM, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-involviment tal-imsieħba soċjali fir-riformi li jkopru l-impjiegi u l-kwistjonijiet soċjali u ekonomiċi, li jqishom bħala essenzjali biex isaħħu s-sjeda u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-riformi. Fuq kollox, madankollu, l-appoġġ tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili iġenerali huwa kruċjali għall-bilanċ bejn il-pilastru finanzjarji, ekonomiċi, soċjali u politiċi tal-UEM.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE jemmen li huwa inevitabbli li d-dimensjoni ekoloġika u r-ramifikazzjonijiet soċjali tagħha jiġu inkorporati fis-sistema ekonomika u fl-imġiba ta' kuljum tal-atturi ekonomiċi u ta' dawk li jfasslu u jimplementaw il-politiki.

4.2. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu jintrabat mad-dimensjoni soċjali. Filwaqt li jeħtieġ nindirizzaw l-isfida tat-tibdil fil-klima, irridu wkoll nippromovu tkabbir inklużiv, intejbu l-adattabilità ekonomika, innaqqsu l-inugwaljanzi, niksbru kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-ħaddiema kollha, insaħħu s-sistemi edukattivi għat-taħriġ tal-ħaddiema u nindirizzaw il-kwistjonijiet tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-inklużjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-SDGs fil-proċess tas-Semestru Ewropew. Madankollu, dan għandu jiġi fformalizzat aktar.

4.3. Il-KESE jinnota b'interess kbir il-proposta biex jiġu introdotti l-Pjan ta' Investment għal Ewropa Sostenibbli u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, japprezza t-twaqqif ta' miri għal dawn u jilqa' bi pjaċir il-miżuri proposti għalihom, bħaż-żieda fl-infiq mill-baġit tal-UE għal inizzjattivi klimatiċi u ambjentali. Madankollu, iżid jgħid li l-Pjan ta' Investment għal Ewropa Sostenibbli mhux se jkun biżżejjed. Filwaqt li l-pjan huwa mistenni li jiġbor investimenti ta' madwar EUR 100 biljun fis-sena, il-Kummissjoni Ewropea tistma li huma meħtieġa madwar EUR 260 biljun fis-sena f'investiment addizzjonali biex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija għall-2030. Fid-dawl ta' dan, b'mod partikolari bħala l-qofol tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta iġenerali, għandu jissaħħaħ il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. L-Opinjoni jiet li l-KESE mistenni jippreżenta dwar dawn l-inizzjattivi ser jipprovdut evalwazzjoni aktar dettaljata.

- 4.4. Il-KESE jipproponi li l-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu jitqies bħala pjattaforma li tippromovi l-valur miżjud Ewropew konġjunt, il-ħtiġijiet u l-interessi komuni u l-koinvestment, li d-dħul minnu se jkun ta' benefiċċju għall-UE kollha u għaż-żona tal-euro, aktar milli għal atturi individwali biss.
- 4.5. Mill-perspettiva tal-implimentazzjoni b'suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, huwa importanti ħafna li jkun hemm approċċ bilanċjat madwar l-UE u ż-żona tal-euro. Il-KESE jqis li dan il-parametru huwa essenzjali sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet li jiffavorixxu l-konverġenza kontinwa u l-istabbiltà makroekonomika.
- 4.6. Il-KESE jirrikonoxxi li, għas-sostenibbiltà fiskali, huwa importanti ħafna l-funzjonament prudenti u proċeduralment invjolabbli tal-mekkaniżmi fiskali nazzjonali. Dan jista' jinkludi pereżempju, fuq in-naħa tad-dħul, l-ġustizzja u t-trasparenza tas-sistemi fiskali u l-konformità tat-taxxa, u fuq in-naħa tal-infiq, li jiġu stabbiliti regoli xierqa għall-akkwist pubbliku u li jiġu applikati kriterji li jistabbilixxu u jkejlu l-effettività u l-kwalità tal-infiq pubbliku.
- 4.7. Il-KESE jirrakkomanda li – bħala parti mit-titjib tal-funzjonament tas-Suq Uniku u r-rabtiet tiegħu mas-Semestru Ewropew permezz ta' enfasi speċifika fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, konsistenza mal-baġit tal-UE u adeżjoni stretta mal-impenji li jirriżultaw mir-rakkomandazzjonijiet – għandha ssir valutazzjoni sistematika tal-benefiċċji ta' dawn l-attivitajiet f'termini ta' kisba ta' kapaċità fiskali, tisħiħ tal-kompetittività tal-Ewropa inġenerali u titjib tas-sostenibbiltà ambjentali u soċjali.
- 4.8. M'għandniex inkunu interessati biss fid-dejn pubbliku, iżda wkoll fil-protezzjoni tal-ġid pubbliku. Mhuwiex biss it-tibdil fil-klima li jeħtieġ riżorsi sinifikanti. Wara waqfien fil-volum tal-investment pubbliku, huwa kruċjali li tingħata spinta lill-investment fl-infrastruttura pubblika (pereżempju fid-diġitalizzazzjoni), li mhux biss ikun ta' appoġġ għat-tkabbir ekonomiku fuq perjodu qasir iżda jiżgura wkoll kapaċità ta' produzzjoni fit-tul għall-prosperità u l-kompetittività futuri. Skont l-argumenti tal-Kummissjoni Ewropea, il-politika fiskali tirrikjedi komplementarjetà mal-pożizzjoni monetarja tal-BĊE. L-adozzjoni tar-regola ta' baġit bilanċjat (regola tad-deheb) tal-politika fiskali għall-investment pubbliku tista' tqanqal u tistimula aktar tkabbir fl-investment pubbliku għal dan il-għan, sakemm tinżamm id-dixxiplina fiskali.
- 4.9. Sabiex jiġu mtejba l-elastiċità u r-reżiljenza taż-żona tal-euro kontra l-iskossi ekonomiċi, għandu jiġi introdott strument biex jgħin lill-Istati Membri jindirizzaw il-konsegwenzi ta' tali skossi u biex dawn ikunu preparati aħjar, fuq bażi preventiva, biex ikunu jifilħu għalihom. Għal din ir-raġuni, il-KESE jilqa' kemm l-istrument propost tal-BICC⁽⁴⁾ (strument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività għaż-żona tal-euro) kif ukoll il-ftehim dwar ir-rwol imsaħħaħ tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES). Fl-istess ħin, il-KESE jwissi dwar ir-riskju meta jiġi mfixxkel il-bilanċ bejn il-pilastri ewlenin (ara hawn fuq) li fuqhom hija mibnija l-UEM. Fir-rigward tal-ġestjoni tal-istrumenti ta' stabilizzazzjoni, il-KESE jappoġġja d-demokratizzazzjoni permezz ta' involviment akbar tal-Parlament Ewropew u tal-imsieħba soċjali fi ħdan il-pilastru politiku tal-UEM, filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-SDGs.

Brussell, id-19 ta' Frar 2020.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

⁽⁴⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE ĠU C 47, 11.2.2020, p. 1.

ANNEX

Il-punt li ġej tal-Opinjoni tas-Sezzjoni ġie modifikat biex jirrifletti l-emenda adottata mill-assemblea, iżda rċieva aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 59(4) tar-Regoli ta' Proċedura):

3.13. Il-KESE jinsab konvint li hemm lok għal aktar riflessjoni dwar ir-rilevanza u s-sostenibbiltà tal-parametri eżistenti tas-sistema tat-taxxa. Iż-żona tal-euro hija kkaratterizzata minn piż tat-taxxa relattivament għoli, li huwa wkoll inklinat lejn it-tassazzjoni fuq ix-xogħol. Fl-istess ħin, it-taxxi ambjentali u tal-proprjetà ġeneralment jikkostitwixxu ftit wisq mit-taxxa globali. Il-KESE għalhekk jinnota l-ħtieġa li jiddaħħlu forom ta' tassazzjoni li jtaffu l-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol filwaqt li jżiduh, pereżempju, fuq l-ispekulazzjoni. Huwa jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' arranġamenti ta' tassazzjoni ġusta, b'mod partikolari fir-rigward ta' forom ġodda tal-ekonomija diġitali, fejn il-kapital huwa kkonċentrat aktar fuq l-estrazzjoni ta' valur milli fuq il-produzzjoni ta' oġġetti u l-provvista ta' servizzi. Fil-ġejjieni, it-taxxi ambjentali jistgħu jkunu strument importanti biex jixprunaw imġiba aktar ekoloġika min-naħa tal-konsumatur u tal-produttur, mingħajr ma jintlaqtu b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet għat-tkabbir ekonomiku. Fl-istess ħin, il-KESE jinnota li kwalunkwe tibdil fis-sistemi tat-taxxa jrid jevita li jkompli jaggrava d-distribuzzjoni ferm inklinata tad-dħul u l-ġid. Il-KESE jitlob li jitkomplew u jissaħħu l-isforzi fil-ġlieda kontra l-frodi, l-evazzjoni u l-evitar tat-taxxa (ippjanar aggressiv tat-taxxa), biex is-sistema tat-taxxa tkun aktar effiċjenti. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li għandu jkun hemm koordinazzjoni u kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri fit-tfassil ta' politika tat-tassazzjoni li tgħin biex jinħolqu kundizzjonijiet ġusti fis-Suq Uniku. Il-KESE jappoġġja wkoll lill-Kummissjoni Ewropea fl-isforzi u d-deliberazzjonijiet tagħha biex jintlaħaq kunsens dwar il-BKKTK u biex tingħata ħarsa ġenerali dwar l-allokazzjoni tal-profitti bejn l-Istati Membri. Il-KESE, filwaqt li jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, iqis li huwa importanti li tiġi implimentata gradwalment u li jintlaħaq kunsens wiesa' dwar il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha.

Riżultat tal-votazzjoni dwar l-emenda:

Favur: 80

Kontra: 48

Astensjonijiet: 21